## 21 ta' Mejju, 1960

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Anthony Spiteri**

## Traffiku — Sewqan Negliġenti — Appell.

*Driver ta' karrozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm "a proper look-out" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" oħra; u l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu.*

*Hu wkoll innegabbli illi driver li, waqt li jkun qed isuq, ikollu tfajla ħdejh, b'idu l-waħda fuq il-"stering wheel" u l-oħra fuq spallejn it-tifla, ikun qiegħed josserva "malament" dawn iż-żewġ doveri tiegħu, u jkun qed jawmenta r-riskju li hu inerenti maċ-ċirkolazzjoni tal-vejikoli fit-toroq.*

*Dan ma hux każ affattu paragonabbli ma' dak ta' driver li għandu id waħda immankata, u ntant għandu liċenza għas-sewqan. Ma għandux jintnesa illi l-aċċidenti stradali huma tar spiss kwistjoni ta' diżattenzjoni ta' "split second", u li l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati.*

*Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jiswiex biex jeskludieh il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċirkustanzi oħra tal-mument. Dawn iċ-ċirkustanzi kienu jkunu t.' min jeħodhom f'konsiderazzjoni kieku l-imputazzjoni kontra d-driver kienet ta' sewqan perikoluż; imma meta l-akkuża hi ta' sewqan negliġenti biss, hu biżżejjed li jiġu vjolati dawk iż-żewġ doveri, jew li tiġi mnaqqsa bil-pożizzjoni tad-driver l-effikaċja tal-osservanza tagħhom, ċjoè "proper control" tal-volanti u "a proper look-out". Għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas tal-prudenza*

*ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.*

*U ladarba l-imputazzjoni kienet ta' sewqan negliġenti, u l-Ewwel Qorti tkun eskludiet li s-sewqan kien ukoll perikoluż, u l-appell ikun tal-imputat, fejn il-Qorti tal-Appell ma tistgħax tagħmel fis-sentenza "reformatio in pejus", il-Qorti tal-Appell għandha tara biss jekk is-sewqan kienx negliġenti, mingħajr ma tippronunzja ruħha jekk fil-każ partikulari kienx ukoll perikoluż.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra Anthony Spiteri quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli s-Salina, fit-30 ta' Jannar 1960, f'xi nofs inhar, saq il-car no. 20985 b'manjiera traskurata u bla kont, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Marzu 1960, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati biss ta' sewqan negliġenti, u kkundannatu £5 multa, u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu kollha tas-sewqan għal żmien tmien tijiem;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati biss ta' "negligent driving", u eskludiet l-imputazzjoni ta' "reckless driving". Peress li fuq appell tal-imputat din il-Qorti ma tistgħax tagħmel ebda riforma tas-sentenza "in pejus", għalhekk din il-Qorti mhijiex qegħdha tesprimi ruħha dwar jekk sewqan bħal dak li jiġi msemmi "infra" jikkostitwix "reckless driving", jew anki "dangerous driving". Din il-kwistjoni qegħdha tibqa' impreġudikata, u din il-Qorti qegħdha nvestita biss bl-appell odjern tal-imputat sabiex tara jekk il-kundanna tiegħu għal "negligent driving" hijiex sostnuta jew le;

Il-fatti mhumiex in kontestazzjoni. Fit-tratt ta' trieq f'Baħar iċ-Ċagħaq l-appellant, għal xi nofs nhar, kien qed isuq karrozza, u ħdejh kellu tfajla. Idu l-lemenija kienet fuq il-volanti, ossija "steering wheel", mentri l-id l-oħra kienet fuq spallejn din it-tfajla; traffiku dak in-mument ma kienx hemm; it-trieq hi wiesgħa sewwa. Il-Maġġur tal-Pulizija Cordina qal ukoll:— "Kieku ma kienx hemm din iċ-ċirkustanza, li kien mgħannaq mat-tifla, aħna ma konniex inwaqqfugħ". Hu kien qed iħares il-quddiem x'ħin rawh il-Pulizija, u minn mindu rawħ sakemm waqqfugħ hu kien qed isuq tajjeb;

Ikkunsidrat;

Hu innegabbli li driver ta' karrozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri; wieħed, dak li jżomm "a proper look-out" għall-vejikoli, "pedestrians" u "road users" oħra (Gibb. Trial of Motor Car Acc. Cases, sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'pożizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku" ingliżi (ara Stone's Justices' Manual, Vol. 2, 1960 edition, p. 2937) ikollu f'kull ħin "proper control over the vehicle";

Issa, jidher altrettanto innegabbli illi driver li jkun fil-pożizzjoni aċċettata bħala bażi ta' fatt f'dan il-proċess, ikun qiegħed josserva "malament" dawn iż-żewġ doveri tiegħu, u jkun qed jawmenta r-riskju li hu inerenti maċ-ċirkolazzjoni ta' vejikoli fit-toroq;

Id-difiża, fid-dibattitu quddiem din il-Qorti, adduċiet bħala argument in sostenn tal-appell li hemm nies liċenzjati għas-sewqan li għandhom id waħda mmankata; infatti, quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad sar verbal fis-sens li l-Prosekuzzjoni taqbel li l-Kummissarju tal-Pulizija ħareġ liċenzi għas-sewqan lil nies hekk immankati (fol. 5 tal-inkartament). Iżda l-każ ma hu xejn affattu paragonabbli: għal żewġ riflessi. Bniedem immankat minn id waħda ma hux l-istess bħal bniedem li għandu l-użu normali taż-żewġ idejn u deliberatament jippriva ruħu, anki temporaneament, mill-użu ta' id waħda għas-sewqan; għaliex hu fatt xjentifikament notorju illi n-natura, b'dik il-virtù kompen-

sattiva li tissejjaħ "vis medicatrix", meta organu wieħed hu defiċjenti, tiżviluppa l-ieħor ħalli jagħmel il-funzjonijiet tat-tnejn. U minbarra hekk, driver li jsuq b'id waħda mgħannqa ma' tfajla ħdejh, minbarra li għall-mument jimmobbilizza id waħda għas-sewqan, ikun anki — u dan hu forsi aktar importanti — "distratt", appuntu minħabba li jkun qiegħed jamoreġġja. Il-leġislatur, f'diversi dispożizzjonijiet, wera l-preokkupazzjoni tiegħu li d-driver ma jsuqx ostakolat jew distratt — ara, b'mod eżemplifikattiv, "in pari materia", ir-regolamenti nru. 58, 128, 140 u 164 tat-Traffic Regulations. Ma għandux jintnesa li l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' diżattenzjoni ta' "split second", u li l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati;

Fil-Kodiċi Stradali Taljan (ara art. 32) hemm dispożizzjoni li tgħid li d-driver "non deve normalmente abbandonare la guida";

Kieku d-dispożizzjoni waqfet hemm, kienet tkun konformi għal dak li jidher li għandu jkun il-preċett korrett in materja. Il-kelma "normalmente" xejn ma tnaqqas mill-forza tal-liġi għaliex qegħdha tirriferixxi għall-eventwalità li, b'xi forza maġġuri, id-driver ikun kostrett jabbanduna li-"steering wheel", kif jidher minn interpretazzjoni mogħtija mill- "Corte di Cassazione", 8 ta' Frar 1937, riportata fir-Rivista "Giustizia Penale" 1938, II, p. 31. Iżda dik id-dispożizzjoni kompliet tgħid "o almeno deve trovarsi in posizione da poterla riprendere in ogni momento". Ma jirriżultax lill-Imħallef sedenti li hemm xi pronunċja tal-ġurisprudenza taljana edita in propożitu; imma, jekk lil dawn il-kliem addizzjonali jista' jingħata s-sens li jagħtuh l-awturi Perseo u Guerrieri fit-test tagħhom "Il Codice della Strada Commentato", art. 32, paġ. 272, illi ċjoè "la norma non esige che il conducente sia sempre colla guida in mano", u li għalhekk "ben possono un ciclista o un motociclista circolare colle mani sollevate dal manubrio", allura, bir-rispett kollu għal-leġislatur taljan din il-Qorti tħoss li għandha tgħid li b'dawk il-kliem qegħdha tiġi prattikament newtralizzata l-ewwel parti tad-dispożizzjoni u qed jinfetaħ lok għal abużi molteplici, li jkomplu jippeġġjoraw il-problemi tat-traffiku stradali. Dan apparti li dak li

dawn l-awturi jsejħu "la tempestiva ripresa della guida" tista' tkun indaġini mill-aktar diffiċli;

Il-Professur Jannitti-Piromalto, fit-test tiegħu "Commento alle Leggi sulla Tutela della Strade e sulla Circolazione", p. 304, para. 4, ma javventurax ruħu għal ebda komment dettaljat, iżda biss iqiegħed dik id-dispożizzjoni in relazzjoni għall-eżiġenzi tat-traffiku — ħaġa ugwalment perikoluża. *Jidher ferm aħjar li kieku kien hemm biss l-ewwel kliem tad-dispożizzjoni bħala preċett assolut;*

Ikkunsidrat;

Id-difensur tal-appellant, fil-kors tal-argumenti quddiem din il-Qorti, semma wkoll iċ-ċirkustanzi ta' fatt tal-mument, ċjoè trieq wiesgħa, assenza ta' traffiku ieħor, eċċ. bħala li jeskludu s-sewqan negliġenti. Dan, però, ma hux argument konvinċenti. Kien *ikun kieku* l-imputazzjoni kienet ta' sewqan perikoluż ("dangerous driving"); għaliex hu prinċipju stabbilit diversi drabi minn din il-Qorti, u paċifiku fil-ġurisprudenza ngliża in materja, li d-"dangerous driving" mhijiex espressjoni li mill-aspett ġuridiku tista' tiġi ristretta fil-limiti rigoruži ta' definizzjoni, imma hi "a question of degree", li tiddependi wkoll minn "nature, condition and use of the road, and the amount of traffic which is actually at the time, or which might reasonably be expected to be on the road . . . ." (ara Crim, Law Review, July 1957, p. 468-469, u *Collisions on Land*, Gibb, p. 321). *Fil-każ preżenti, kif ingħad, il-kundanna kienet u l-meritu* devolut għall-appell jirrigwarda, "negligent driving"; u biex *ikun hemm* dan hu biżżejjed li jiġu vjolati dawk iż-żewġ doveri, jew li tiġi *mnaqqsa*, bil-pożizzjoni tad-driver, l-effikaċja tal-osservanza tagħhom, ċjoè "proper control" tal-volanti u "a proper look-out";

Jista' jiġi osservat li sewwa jirrilevaw l-awturi Perseo u Guerrieri fit-test ċitat, p. 97, li għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' *normi ġuridiċi* speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm "negliġenza" fis-sens ta' nuqqas tal-prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex *jevita s-sinistri* stradali;

Għal dawn il-motivi, u fis-sens tagħhom;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu tas-sospensjoni jibda jgħaddi minn nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 1960.